**18 ta' Novembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Michelina mart Alessandro Mallia et.

*versus*

Ġorġ Cutajar et.

**Intervent in Statu et Terminis. Art. 959 Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Skond l-art. 959 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jista jintervjeni f'kawża kull min juri b'soddisfazzjoni tal-Qorti li quddiemha*

*l-kawża tkun pendenti li hu għandu interess. Dan il-kliem jakkorda diskrezzjoni lil il-Qorti teserċita meta jidhrilha li l-interess ta' min jagħmel it-talba għall-intervent jidher sodisfaċentement fil-fehma tagħha. Il-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax l-eserċizju ta' dik id-diskrezzjoni ħlief jekk ikun jidher li sar kontra l-liġi.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni fl-ismijiet premessi ppresentata fl-għoxrin ta' Settembru, 1963 quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, li biha l-atturi wara li ppremettew illi fl-għoxrin ta' Ottubru, 1962 miet Alessandro Attard u dan kien armel mit-tlett nisa tiegħu Giuseppa nee *Farrugia li* mietet fit-tlettin ta' Settembru, 1920, Sebastiana nee Caruana li mietet fis-sbatax ta' Lulju, 1929, u t-tielet u l-aħħar mara Vinċenza armla ta' Ġorġ Chircop imwielda Attard li mietet fit-tlettin ta' Novembru, 1958; u illi tfal kellu biss mill-ewwel żwieġ ċioe Carmena mart Christina Cutajar, illum mejta rappresentata minn uliedha l-konvenuti, Giorgia mart Ġorġ Galea illum mejta rappresentata mill-atturi aħwa Galea, u Michelina mart Alessandro Mallia, l-attriċi; u illi mat-tielet mara Alessandro Attard għamel tlett testmenti "unica charta" u wieħed ieħor wara l-mewt tagħha u ċioe, l-ewwel fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tad-disgħa ta' Lulju, 1940, it-tieni fl-atti tan-Nutar Joseph Agius fil-wieħed u għoxrin ta' Mejju, 1956, it-tielet fl-atti tan-Nutar Joseph Mifsud tas-sebgħa ta' Ottubru, 1958, u r-raba u l-aħħar fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro fil-wieħed u għoxrin ta' Novembru, 1959; u illi fit-testment tas-sebgħa ta' Ottubru, 1958 it-testatriċi Vinċenza Attard kienet qiegħda miżmuma bl-ossiġinu u ma setgħet fehmet xejn mill-kontenut tat-testment, u t-testatur Alessandro Attard ma kienx "compis mentis" u faċilment jiġi influwenzat minn terzi persuni, u billi f'dawna l-aħħar żewġ testmenti hemm dikjarazzjoni pależament falza, ċioe li l-assi intier ta' Alessandro Attard kien ġie magħmul waqt l-aħħar żwieġ tiegħu u hekk konsegwentement it-

testatur u t-testatriċi ġew disponew minn ħwejjeġ parzjalment jew totalment mhux tagħhom mingħajr ma għamlu d-debita dikjarazzjoni illi huma jafu li qegħdin jiddisponu minn ħaġa ta' ħaddieħor, kif trid il-liġi, talbu: (1) li dik l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi Alessandro Attard u Vinċenza ġa armla ta' Ġorġ Chircop imwielda Attard mart Alessandro Attard ma humiex persuni idonei għall-finijiet tal-liġi biex jagħmlu testment fil-ħin u waqt li saru u ġew ippubblikati t-testment tas-sebgħa ta' Ottubru, 1958; (2) u li l-istess Alessandro Attard ma kienx fi stat mentali li jagħmel testment meta għamel l-aħħar testment tiegħu fil-wieħed u għoxrin ta' Novembru, 1959 u hekk in konsegwenza dawn it-testmenti huma *nulli*; u (3) fil-każ li jistgħu jinżammu bħala persuni idonei biex jagħmlu testment Alessandro u Vinċenza Attard, li dik l-Onorabbli Qorti tidikjara li t-testaturi ddisponew minn ħwejjeġ ħaddieħor bla ma għamlu id-debita dikjarazzjoni li kienu jafu li qegħdin jiddisponu minn ħwejjeġ ħaddieħor u illi għalhekk id-disposizzjonijiet taż-żewġ testmenti safejn jolqtu l-proprjetà li tappartieni lill-werrieta ta' Giuseppa Farrugia, għandhom jiġu dikjarati *nulli* kif ukoll għandha tiġi dikjarata falsa u bla effett id-dikjarazzjoni "li l-assi ta' Alessandro Attard sar kollu waqt it-tliet żwieġ tiegħu u li nofs dan kollu kien hekk jappartien lil Vinċenza it-tielet mara ta' Alessandro Attard." Bl-ispejjeż u b'riserva tad-drittijiet tal-atturi li jipproċedu b'ġudizzju separat għaddiviżjoni ta' l-eredita ta' Alessandro Attard, u bl-inġunzzjoni lill-konvenuti li kienu mħarrka biex jidhru għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti li eċċepew illi l-ġudizzju ma kienx integru billi ma ġewx ċitati l-*interessati* kollha u li għalhekk iċ-ċitazzjoni hija nulla u li kellhom għalhekk jiġu liberati "ab observantia".

Rat ir-rikors presentat fit-tmienja ta' Novembru, 1963,

minn Maria Giuseppa mart Alfredo Schembri, minnu assistita u Alfredo Schembri bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u Carmela Mallia b'digriet tad-disgħa ta' Novembru, 1963, ġiet nominata kuratriċi speċjali "ad litem" biex tirrappresenta l-interess f'din il-kawża ta' Giorgina Mallia, minorenni, Giovanni Maria Attard u Carmela Attard, xebba, li bih talbu li jiġu mdaħħlin fil-kawża "in statu et terminis" bħala partijiet fil-kawża a tenur ta l-artikolu 959 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u dana billi huma għandhom interess f'din il-kawża billi f'testmenti ta' qabel dawk in kontestazzjoni f'din il-kawża, huma kienu benefiċċjarji.

Rat id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim' Awla fid-9 ta' Novembru, 1963, li bih ġiet akkordata it-talba tar-rikorrenti fir-rikors preċitat tat-tmienja ta' Novembru, 1963.

Rat ir-rikors tal-konvenuti Ġorġ, Pawlu, Carmela u Dolores aħwa Cutajar, Domitilla mart Ġorġ Malia minnu assistita, bħal kap tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali u dotali ta' martu, Cristino Cutajar għal kull interess li jista' jkollu u bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Alessandro Cutajar u f'każ li hu ddekada, Carmela Cutajar kuratriċi deputat biex tirrappresenta lill-imsemmi Alessandro Cutajar u l-assenti Giuseppe Cutajar, li bih appellaw mid-digriet fuq imsemmi u talbu li jiġi revokat u li l-proċess jiġi rimess lill-ewwel Onorabbli Qorti għad-definizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-istess appellanti u ta' kwalunkwe eċċezzjoni oħra li tista tingħata minnhom "si et quantenus" bl-ispejjeż kontra l-appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellati li qalu illi d-digriet impunjat jimmerita li jiġi konfermat bl-ispejjeż ta' dan l-appell

definitivament kontra l-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u ikkunsidrat:—

Dwar id-dubbju li ġie espress jekk il-provvediment mogħti mill-ewwel Onorabbli Qorti issa mpunjat b'dan l-appell għandux jiġi appellat bil-forma tan-nota u petizzjoni, biżżejjed jingħad għall-finijiet ta' din il-kawża illi fil-fehma tal-Qorti dak il-provvediment sentenza ma hux żgur. Kwantu għall-forma li bih dak il-provvediment ingħata m'hemm ebda appell lil din il-Qorti u kwindi ebda lok ta' ebda pronunċja.

Fuq il-meritu ta' l-appell, l-ewwelnett il-Qorti tosserva illi skond l-artikolu 959 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jista' jintervjeni f'kawża kull min juri b'soddisfazzjoni tal-Qorti, li quddiemha l-kawża tkun pendenti li hu għandu nteress. Dan il-kliem jakkorda diskrezzjoni li l-Qorti teżerċita meta jidhrilha li l-interess ta' minn jagħmel it-talba għall-intervent jidher soddisfaċentement fil-fehma tagħha u din il-Qorti ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni ħlief jekk ikun jidher li sar kontra il-liġi jew kontra l-prinċipji.

Issa l-uniku ilment ta' l-appellanti hu illi l-ewwel Onorabbli Qorti messha l-ewwel iddeċidiet l-eċċezzjoni tagħhom illi l-ġudizzju kien irritwalment propost u mbagħad, se maj fil-każ ta' riġett ta' dik l-eċċezzjoni, tipprovdi fuq it-talba għall-intervent fil-kawża. Dan l-aggravvju hu manifestament infondat. Infatti ġa la darba l-intervenut wrew lill-ewwel Onorabbli Qorti li għandhom interess fil-kawża huma kellhom id-dritt minn dak il-mument illi jiġu mdaħħlin fiha u jipparteċipaw fl-inċidenti kollha tagħha li sa dak il-mument kienu għadhom mhux deċiżi, kompriża kwindi d-diskussjon-

ta' l-istess eċċezjoni ta' ritwalita sollevata mill-appellanti. Hu illoġiku li tirrikonoxxi lir-rikorrenti l-interess li jdħol fil-kawża u fl-istess ħin tiċħadlu jew tissospendilu d-dritt li jidħol fiha biex jittutela l-interessi tiegħu f'parti minnha li minnha jiddependi l-istess eżitu tagħha. Fil-każ preżenti l-interess ta' l-intervenjent jidher li hu dak li jsostni t-teżi ta' l-atturi in kwantu li mis-suċċess tat-talba tagħhom fil-meritu jistennew li jkollhom tornakont anki huma. Kwindi jidher ċar illi huma, bħal l-atturi, għandhom interess illi l-kawża titkompla u ma tiġiex imwaqqfa b'dikjarazzjoni ta' l-irritwalita ta' l-istituzzjoni tagħha. Minn dan isegwi illi huma għandhom interess li l-eċċezzjoni tal-appellanti tiġi riġettata u ġa la darba għandhom dan l-interess u talbu li jidħlu fil-kawża, huma għandhom id-dritt li jieħdu parti fid-dibattitu dwar dik l-eċċezzjoni biex isostnu dwarha t-teżi ta' l-attur. Il-pretensjoni ta' l-appellant timporta petizzjoni ta' prinċipju. Appuntu għaliex l-intervenjenti għandhom interess illi l-kawża titkompla sa eżitu finali favorevoli għall-atturi ma' jagħmelx sens li tgħid, kif qegħdin jgħidu l-appellanti, illi l-ewwel Qorti messa, qabel ammettiehom fil-kawża, iddeċidiet l-eċċezzjoni dwar il-validita ta' l-att inizzjali tal-proċeduri b'esklużżjoni tagħhom meta huma għandhom interess li jikkontribwixxu biex appuntu dik l-eċċezzjoni ma tiġiex milqugħa. L-infondatezza assoluta tal-pretensjoni ta' l-appellanti tiddimostra ruħha aktar lampanti meta wieħed josserva t-termini tat-talba magħmula minnhom fil-parti konklużżjonali tar-rikors ta' l-appell. Huma jridu illi din il-Qorti tirrevoka l-provvediment appellat u tirrimetti l-proċess lill-ewwel Onorabbli Qorti għad-definizzjoni ta' l-eċċezzjoni sollevata minnhom, u ta' kwalunkwe eċċezzjoni oħra li tista' tingħata minnhom 'si et quatenus'". Il-Qorti tifhem dan il-kliem li jfisser illi skond il-pretensjoni ta' l-appellanti l-ewwel Onorabbli Qorti tista' tammetti fil-kawża lir-rikorrent għall-intervent, biss wara li l-kawża tkun għal kollox deċiża!

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellanti.